**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016**

**App. Nru. 309/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Bezzina**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Anthony Bezzina, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 1004848M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'ismu u għan-nom u in rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Limited ta' 1-3 Church Wharf, Marsa, fit-3 ta' Ġunju ta` 2002, fuq il-baħar fl-inħawi tal-Ponta ta' Delimara, Marsaxlokk:

(1) mingħajr permess u/jew liċenzja tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent żamm f`ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Ltd sit għar-rimi ta' skart perikoluż jew radam u dan bi ksur ta` A.L. 128/1997 Reg. 4;

(2) iddepożita jew ippermetta li jiġi ddepożitat f'ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Ltd. skart, radam jew skart perikoluż f`sit mhux sit għar-rimi u dan bi ksur tal-A.L. 128/1997 Reg. 3;

(3) ipproduċa f'ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Ltd. skart jew daħal għal xi attivita` fil-maniġġjar ta' skart, kemm-il darba mingħajr ma aġixxa biex iħares id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart A.L.337/2001; mingħajr ma kellu permess kif inhu meħtieġ mir- Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart A.L.337/2001,u ma kienx qed jaġixxi skond xi kundizzjonijiet, ħtiġijiet jew direttivi stipulati mill-awtorita` kompetenti tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart A.L. 337/2001, u dan bi ksur ta' l-istess regolamenti Reg.;

(4) bħala pussessur ta' skart jew li daħal għal jew ikun daħal għall-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xogħol u bħala f'ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Ltd. u responsabbli solidamant għall-immaniġġjar ta' skart, naqas sabiex jassigura li dan jiġi mmaniġġjat skont Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta` Skart A.L. 337/2001, u dan bi ksur ta' l-istess regolamenti Reg. 7(1);

(5) bħala pussessur ta' skart f'ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Ltd. naqas milli jipprevjeni milli jsir xi kontravenzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta` Skart A.L. 337/2001 minn kull persuna oħra li tkun taħdem fil-produzzjoni u maniġġjar ta' skart oriġinalment prodott jew miżmum minnu; naqas milli jipprevjeni l-ħruġ ta' tali skart mill-kontroll tiegħu jew ta' xi ħaddieħor; naqas li jiżgura li tali skart ikun maħżun b'mod sigur u li jiġi mqiegħed għall-ġbir, f'kontenitur żgur; u naqas li jiżgura li tali skart ikun prodott u mmaniġġjat minn persuna li jkollha permess, skond ma jkun japplika ghall-każ, u dan bi ksur ta' l-istess regolamenti Reg. 7(2)(a)(b)(c)(d);

(6) bla ħsara għar-regolament 14 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart A.L. 337/2001, f'ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Services Ltd, naqas li japplika għand l-awtorita` kompetenti għall-permess, filwaqt li jindika t-tip ta' skart li jkun qed jipproponi li jipproduci jew ix-xorta ta'attivita ta' maniġġjar ta' skart li jkun qed jipproponi li jidħol għalih, skond ma jkun japplika l-każ, it-teknikalitajiet jew il-metodi li jkun qed jipproponi li japplika filwaqt li jkun għaddej b'din il-ħidma u kull tagħrif iehor mitlub mill-awtorita` kompetenti biex tkun tista' tevalwa ahjar l-applikazzjoni li tkun saritilha, u dan bi ksur tar-Reg. 9;

(7) naqas, f'ismu u għan-nom u rappreżentanza ta' Bezzina Maritime Srvices Ltd, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart A.L. 337/2001 kien qiegħed jagħmel attivitajiet ta' mmaniġġjar ta` skart jew kien qed jipproduċi skart li dwaru jkun meħtieġ permess fi Skeda 7, naqas japplika lill-awtoritajiet kompetenti għal

permess fi żmien tnax-il xahar minn dik id-data u dan bi ksur ta’ l-istess regolamenti Reg. 14;

(8) f’ismu u għan-nom u rappreżentanza ta’ Bezzina Maritime Srvices Ltd, abbanduna,waqqa’, tefa jew xort’oħra mmaniġġja skart mhux skond id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, naqas milli jikkonforma ma’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew naqas milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-permess jew ma’ xi ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa impost minn jew taħt dawn ir-regolamenti u aġixxa bi ksur ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew ikkonfoffa jew ittanta jew ta jew ħajjar lil xi ħaddieħor b’liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta’ pariri jew ta’ flus biex jinkisru d-diposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti jew biex persuna tonqos milli tikkonforma ma’ dawk id-disposizzjonijiet (inklużа kull orxdni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn jew taħt ir-Regolamenti ta’ l-2001 dwar Permess u Kontrolli fil-Maniġġjar ta’ Skart A.L. 337/2001, u dan bi ksur ta’ l-istess regolamenti Reg. 26.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabbilita, tordna l-iskwalifika tal-liċenzi kollha kif hemm stipulate fl-A.L. 128/1997 Reg. 23 u 24, A.L. 337/2001 Reg. 27 għal perijodu ta’ mhux anqas minn sena u aktar sabiex jitħallsu u jiġu kawtelati dawk l-ispejjeż li jkunu għamlu xi dipartimenti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-12 ta’ Ġunju 2013, fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Antony Bezzina ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta’ Lulju 2013, fejn talab li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata nulla jew tħassar u tirrevoka l-istess sentenza u minflok issib lill-appellat Anthony Bezzina ħati ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:

> “Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda il-validita` tas-sentenza moghtija *stante* li l-akkuzi li nsibu fis-sentenza li inghatat mill-Ewwel Qorti fit-12 ta` Gunju 2013 jirrigwardaw incident li sehh fil-**21 ta` Marzu 2003, fil-bahar f’dawn il-Gzejjer** izda t-tahrika tittratta dwar imputazzjonijiet li sehhew **fit- 3 ta’ Gunju 2002, fuq**

**il-bahar fl-inhawi ta' Ponta ta' Delimara, Marsaxlokk** li huwa kaz kompletament differenti minn dak tal-21 ta' Marzu 2003 li sehh f`sena u f`post differenti.

"Illi ghalhekk l-appellant jissottometti li hawnhekk ghandna difett serju fis-sentenza li jgib in-nullita` tas-sentenza stess.

"Illi t-tieni aggravju jittratta dwar apprezzament manifestament zbaljat ta' provi minn naha tal-Ewwel Qorti. Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti jidher li illiberat lil Anthony Bezzina mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ghaliex sabet xi forma ta' diskrepanza bejn il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza dwar fejn effettivament kellu jintrema l-iskart in kwistjoni. Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti strahet kompletament fuq dak li allegatament xehed il-Perit Bugeja fuq dan il-kaz tant li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti:

"*'Illi jidher li hemm diskrepanzi serji bejn il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u dak tad-difiza. Waqt illi l-Prosekuzzjoni qeghda tinsisti li ma hemm l-ebda dubju li l-imputat kiser il-ligi talli tefa l-iskart fejn mhux suppost, id-difiza qed tinsisti u, in prova, gabet il-Perit Bugeja li dan l-iskart hija tefghatu f'dak il-post precizament indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti.*

"*'U dan li jghid il-Perit Bugeja li, fid-dettall minimu spjega dak li ghadda bejnhu, li kienet il-persuna inkarigata min-naha tal-Freeport sabiex jinnegozja mal-awtoritajiet u jiddeterimina fejn ghandu jintrema l-iskart u l-awtoritajiet kompetenti.*

"*'Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi illiberat ghaliex jirrizulta b`mod car u lampanti li l-iskart intrema mill-imputati ezattament fil-post fejn gie indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti'.*

"Illi l-apprezzament manifestament zbaljat ta' provi f`dan il-kaz johrog mill-fatt li meta Joseph Bugeja, Perit u General Manager tal-Freeport, xehed fid-9 ta` Settembru 2002 huwa spjega b'mod generali il-procedura ta' rimi ta' skart meta it-temp ma jkunx favorevoli pero` mistoqsi specifikatament jekk il-procedura gietx segwita fid-data in kwistjoni ma kien jaf xejn. A fol 52 tal-process:

**"'Pros: <u>Fit- 3rd June ta' din is-sena gejt infurmat dwar id-dredging work? Fejn qed jitwaddab?</u>**

**"'Xhud: <u>Le, jien normalment on a day to day basis ma nkunx naf I have people to..'</u>**

"Illi allura l-esponent isaqsi kif setghet l-Ewwel Qorti ibbazat il-liberatorja fuq dan ix-xhud meta dan ix-xhud stess jghid li ma kienx jaf x`gara specifikatament fit-3 ta` Gunju 2002??? Allura m'huwiex minnu li l-appellat tefa' d-*dredging material* f'post fejn gie indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti kif tghid l-Ewwel Qorti fis-sentenza! Dan qed jinghad ghaliex ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u b'mod partikolari l-ufficjali tal-MEPA Kevin Sciberras u Henriette Debono kollha qalu li fil-fatt dakinhar l-appellat ma kellux permess bil-miktub mill-MEPA biex jitfa l-iskart f'zona ohra fl-ibhra Maltin li mhix skond il-ligi.

> "Illi minhabba din l-konsiderazzjoni irragjonevoli li ghamlet l-Ewwel Qorti bilfors hemm bzonn li jkun hemm apprezzament mill-gdid tal-provi u dan biex effettivament issir gustizzja."

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirriżulta in effetti illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tirreferi għat-**3 ta' Ġunju 2002 fuq il-baħar fl-inħawi ta' Ponta ta' Delimara, Marsaxlokk**. Is-sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-appellat fit-12 ta' Ġunju 2013 tirreferi għall-**21 ta' Marzu 2003 fil-baħar f'dawn il-Gżejjer**.

**7.** L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

**8.** Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi mill-atti jirriżulta li fil-15 ta' Jannar 2004 jidher li nstemgħu żewġ xhieda: George Cauchi li fl-okkju hemm indikat "Case Number 4", u Edmond Darmanin li fl-okkju hemm indikat "Case Number 5". Fix-xiehda ta' Edmond Darmanin hemm referenza għad-data tal-**21 ta' Marzu 2003**. Dan ifisser li kien hemm żewġ kawżi separati kontra l-appellat li kienu qegħdin jinstemgħu fl-istess ġurnata, waħda li tirreferi għat-3 ta' Ġunju 2002 u oħra li kienet tirreferi għall-21 ta' Marzu 2003. Ix-xiehda ta' Edmond Darmanin mhijiex rilevanti għall-każ li qed jiġi trattat minn din il-Qorti. Għal xi raġuni, imbagħad, is-sentenza inserita fl-atti li jinsabu quddiem din il-Qorti tirreferi għall-21 ta' Marzu 2003.

**9.** Issa, id-data u l-lok ta' l-inċident jikkostitwixxu parti mill-fatti tal-każ. Ġaladarba s-sentenza appellata ppronunzjat ruħha fuq data (u sa ċertu punt ukoll il-lok, għalkemm *il piu` comprende il meno*) differenti minn dik imsemmija fiċ-ċitazzjoni, ġie li l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar il-fatti imputati bl-imsemmija ċitazzjoni.

**10.** F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk is-sentenza appellata tirriżulta difettuża minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 għall-validita` ta' sentenza. Dan irendi s-sentenza appellata nulla. Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, sejra tgħaddi biex tiddeċiedi l-każ fuq il-mertu.

**11.** Dan il-każ jirrigwarda r-rimi ta' *dredging material* 'il barra mill-ponta ta' Delimara, materjal li kien qiegħed jinġab waqt xogħlijiet li kienu għaddejjin fil-Freeport. L-appellat ammetta li dan il-materjal kien qiegħed jintrema f'dak il-post u xehed li dan kien jagħmlu fuq struzzjonijiet tal-Freeport. Huwa spjega li

kien hemm arranġament li jekk ikun aktar minn force 3, il-*hopper barge* ma setax imur fil-Valletta Dumping Site, li huwa s-sit indikat fl-Iskeda B ta' l-Avviż Legali 128/1997 bħala: "Zona ta' depożitu għal materjal skavat b'radius ta' madwar 350 metru biċ-ċentru tagħha f'Latitudni 33°55.1'N u Lonġitudni 14°34.0'E.". Qal li kien hemm arranġament li l-Freeport jinfurmaw lill-MEPA l-*environment section* u din is-sezzjoni toħorġilhom il-permess. Il-persuna konċernata hemm kienet Henrietta Debono.

**12.** Jirriżulta illi fil-31 ta' Mejju 2002 l-imsemmija Henrietta Debono kitbet lill-appellat b'kopja lill-Perit Joe Bugeja (Malta Freeport Terminals) u lil Charles Schembri (Malta Maritime Authority) fejn ikkonfermat is-sit uffiċjali għad-*dumping* bħala dak imsemmi fl-Avviż Legali 128/1997, iżda kkonfermat ukoll is-sit alternattiv:

"The alternative site 2.5km Southeast off Delimara, shall be used only in **exceptional** circumstances and in the event that prevailing weather conditions do not permit the barge/s used in operations to arrive at the indicated site. It shall be the responsibility of the master of the vessel, in conjunction with the permit holder, to determine that prevailing conditions render operations unsafe. On such occasions a written request is to be submitted to the undersigned; disposal operations are to be conducted only when **a written approval is granted by the competent authority**."

**13.** Skond Henrietta Debono, dan kien kompromess li ntlaħaq wara li kien hemm okkażjonijiet fejn irċevew telefonati mingħand l-appellat u mingħand diriġenti tal-Freeport biex jintuża sit alternattiv minflok dak ta' barra Valletta. Tgħid li fil-11 ta' April 2002 kien ingħata permess verbali. Fit-22 ta' Mejju 2002, wara rapport li kien qiegħed jintrema materjal barra Delimara, intbagħtet ittra ta' twissija fis-27 ta' Mejju 2002 u wara telefonati mingħand il-kuntrattur u d-diriġenti tal-Freeport, intbagħtet l-imsemmija ittra tal-31 ta' Mejju 2002. Ma jirriżultax illi saret talba fit-3 ta' Ġunju 2002 u billi, skond ix-xhud, dakinhar ma kienx maltemp, għall-Awtorita` kien hemm *breach* ta' kondizzjonijiet.

**14.** Dwar it-temp fit-3 ta' Ġunju 2002 jirriżulta li bejn is-7.00 a.m. u s-1.00 p.m. ir-riħ kien forza 4 (ara dokument a fol. 69). Mix-xiehda tal-Perit Joe Bugeja u ta' Stephen Busuttil jirriżulta illi l-persuna li kienet tiddetermina jekk il-braken setgħux jagħmlu l-vjaġġ sa barra Valletta kien il-Kaptan Ananad Dayal. Il-Kaptan Dayal xehed illi kien ingħata permess mingħand Dr Anthony Gruppetta, Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura, biex jintuża s-sit alternattiv barra Delimara. Stephen Busuttil ikkonferma li fit-3 ta' Ġunju 2002, it-temp ma kienx jippermetti li l-braken jagħmlu l-vjaġġ sa Valletta.

**15.** Il-Perit Bugeja xehed illi l-permess għad-*dumping* kien fuq l-i*spoil heap* normali, dak ta' barra Valletta, iżda mbagħad ħa l-inizjattiva sabiex f'każ ta' *inclement weather* ikun hemm sit alternattiv. Mistoqsi meta kien qiegħed jixhed jekk, meta jkun *inclement weather*, kienx hemm xi arranġament li jitolbu l-permess lil Mepa biex jinbidel is-sit, huwa wieġeb: "Fit-telefonati li kelli mal-MEPA, anki man-nies involuti, irranġajt biex ikolli *in writing* mingħand l-Agrikoltura; dina bgħattha lill-MEPA u mal-MEPA *on a verbal level* biex nistgħu nipproċedu *towards mid-April*, ma niftakarx eżatt il-ġranet, illi ladarba għandna l-*clearance* mingġand l-Agrikoltura, nużaw il-ġudizzju tagħna *what constitutes inclement weather*. *On those days of inclement weather* nużaw l-i*spoil heap* alternattiva.... Jiena l-*agreement* li nemmen illi kelli hu bħala proċedura, li l-proċedura hi li *for this dredging* ladarba kelli l-*clearance* ta' l-*Agriculture and Fisheries* allura l-*inclement weather* jiġi *determined* mill-*competent person*".

**16.** Stephen Busuttil xehed li huma jibdew jaħdmu fis-7.00 a.m. Qal li mhux possibbli titlob permess kuljum. Huwa spjega: "Dana tibgħat il-messaġġ. Sirt naf li l-faxes jidħlu fid-9.00, Miss Henrietta Debono tarahom fil-11.00, ittik risposta fis-1.00. Dan id-d*redger* jiswa flus kbar jiġifieri, qegħdin nitkellmu … il-prezz ta' l-*idle time* tiegħu kien ta' xi *one-third* ta' xi *normal working day*…. Kont kellimtha bit-*telephone*. Għidtilha din problema kbira u ma nistgħux noqogħdu nistennew dan il-ħin kollu. U kienet qaltli li jekk Dr Gruppetta jaċċetta illi aħna niddumpjaw fl-i*spoil ground* il-qadima li kienet quddiem Marsaxlokk, hi ma ssib l-ebda problema." Ta' min jgħid li meta mistoqsija dwar ħinijiet, Henrietta Debono qalet li jidħlu fis-7.30 a.m. u kkonfermat li l-appellat qatt ma kien jingħata risposta qabel l-10.00 a.m.

**17.** Minn dan kollu jirriżulta illi kien ingħata permess verbali f'April 2002 mill-Environment Protection Directorate tal-MEPA għall-użu ta' l-i*spoil ground* alternattiv, li sussegwentement ingħata permess mid-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura, li jidher li nftiehem mid-diriġenti tal-Freeport illi l-kwistjoni kienet b'hekk magħluqa, illi wara lment li sar fit-22 ta' Mejju 2002 u wara kuntatti mal-kuntrattur u l-Freeport l-imsemmi Direttorat iddeċieda li l-proċedura tiġi formalizzata u għalhekk intbagħtet l-ittra tal-31 ta' Mejju 2002, li tali proċedura ma kinitx prattika minħabba n-natura tax-xogħol li kien qiegħed isir tant li jidher li sussegwentement kien jinbeda x-xogħol u sadattant tintbagħat it-talba mill-Freeport għall-permess, li kien jingħata.

**18.** Meħud kollox in konsiderazzjoni, din il-Qorti tosserva li minn banda l-appellat, bħala l-kuntrattur li kellu l-*operating license* tal-braken, kellu jassigura ruħu li kien hemm il-permess meħtieġ, ossia almenu li l-Freeport ħadu ħsieb jagħmlu t-talba għal permess fit-3 ta' Ġunju 2002; mill-banda l-oħra li d-Direttorat, dato li kien hemm il-kunsens tad-Dipartiment tas-Sajd u

Akwakultura, setgħet timxi mill-ewwel bi prattiċita` fil-kwistjoni. Teknikament, stante li ma ġiex osservat dak li kien hemm fl-ittra tal-31 ta' Mejju 2002, l-appellat ġie li kiser il-kondizzjoni li kellha ssir talba bil-miktub u b'hekk ġie li fit-3 ta' Ġunju 2002 rema d-*dredging material* mingħajr l-awtorizżazzjoni meħtieġa, dan bi ksur tar-raba' imputazzjoni, il-ħames imputazzjoni, u t-tmin imputazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, pero`, din il-Qorti sejra tagħti l-provvediment infraskritt.

**19.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi ssib lill-imsemmi Anthony Bezzina ħati tar-raba' imputazzjoni, tal-ħames imputazzjoni (regolament 7(2)(a) biss), u tat-tmin imputazzjoni u, wara li rat ir-regolamenti 7(1)(2)(a) u 26 ta' l-Avviż Legali 337/2001 u l-liġi kif allura viġenti, u wara li qieset iċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-appellat, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Ma ssibux ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra dedotti u minnhom tilliberah.